**ST.THERESA SCHOOL**

***Carmelite Sisters, Dr. Anton Calleja Street, Ta'Kerċem* KCM 1110 *Gozo***

***Tel : 21565650 – 21556347; email:* sttheresa@vol.net.mt**

***Website:* http://www.sttheresaschoolgozo.com**

https://www.facebook.com/sttheresaschoolkercem/

---

"Success is the result of perfection, hard work, **learning** from failure, loyalty, and persistence. ..."

*10 ta' Settembru, 2018*

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Bil-għajnuna t'Alla wasalna biex nibdew is-sena skolastika 2018-2019.
Għalikom ftit informazzjoni biex flimkien skola u familja nikkollaboraw għal-ġid tat-tfal tagħna.

☒ **HINIJIET TAL-ISKOLA:**

Kif ġa intom avżati permezz tal-paġna Facebook tagħna, l-iskola tibda:

- Nhar **l-Erbgħa 26 ta' Settembru 2018** għall-klassijiet tal-Primarja mill-**Year 1** sal-**Year 6**.
  Il-ħin ikun: mit-**8.10am** sas-**2.00pm**

- Nhar **it-Tlieta 2 ta' Ottubru 2018** għat-tfal tal-**Kinder 1** u **tal-Kinder 2**.
  Għall-ewwel ġranet il-ħin ikun **mit-8.10am** sa **nofsinhar** L-għalliema stess imbagħad jinfurmawkom meta jkunu se jibdew bil-ħin normali sas-**1.45pm.**

- Filgħodu l-bieb tal-iskola jinfetaħ fit-**8.00** u jingħalaq fit-**8.30.**
  Kif qed taraw din is-sena ħa nibdew ftit qabel u nispiċċaw wara. Nirrikkmanda l-puntwalita', għat-tfal tal-primarja il-qanpiena ddoq fit-8.10 biex nistghu nibdew il-*morning assembly* fit-8.15a.m. .



☒ **REGOLAMENTI:**

- Nirrikmandalkom biex tobdu r-regolamenti tal-iskola s-sena kollha. Għalhekk infakkarkom li:

❶It-tfal għandhom jiġu l-iskola bl-uniformi kompluta, nadifa u ordinata. Kull item tal-uniformi u affarijiet personali oħra għandhom ikunu kollha mmarkati ċari bl-isem tat-tifel jew tifla. Mhux permess li t-tfal jiġu l-iskola bix-xagħar miżbugħ jew bil-ġell. Is-subien ma jistghux iżommu xagħarhom twil u l-bniet li għandhom ix-xagħar twil għandhom iżommuh dejjem miġbur. Aċċessorji tax-xagħar għall-bniet (*hairbands*, eċċ) għandhom ikunu **semplići** u ta' **kulur roża pariġġ l-uniformi jew bojod**. Fix-xitwa hu permess anke l-kulur blu skur meta jilbsu t-*tracksuit* il-bluna. Dwar il-lezzjonijiet tal-P.E. navżawkom il-quddiem meta se jibdew. Għalissa t-tfal jiġu kuljum bl-uniformi r-roża tas-sajf.

❷ Mhux permess kliem goff u baxx, mġiba ħażina u nuqqas ta' rispett lejn l-għalliema u lejn tfal oħra; logħob, ġiri goff u ikel fil-parapett u fil-bitħa tal-iskola qabel id-dħul u wara l-ħruġ mill-iskola. Fid-dħul u l-ħruġ mill-iskola, nitlob il-kollaborazzjoni tagħkom ġenituri kemm għall-imġieba ta' wliedkom (li ma jitfgħux karti u ħmieġ ieħor fl-art, iqaċċtu weraq/fjuri mill-pjanti, eċċ.) kif ukoll il-mod kif jiġu pparkjati xi karozzi li joħolqu diffikultà lill-oħrajn u lil *minibuses*. Jekk jogħġobkom ikkooperaw biex ma jinħolqux *traffic jams* quddiem l-iskola u fit-toroq ta' madwarha.

❸ Meta t-tfal ma jkunux ħa jattendu l-iskola, minħabba mard jew esiġenzi familjari, intom mitluba tavżaw lill-iskola sa mhux aktar tard mill-10.00a.m. Il-homework għal dawn it-tfal li ma jkunux l-iskola jista' jinġabar mhux qabel il-ħruġ @ 2.00p.m. .



❹ Mhux permess li t-tfal iġibu magħhom ħelu, boroż, juices jew soft drinks. F'okkażjonijiet speċjali hija d-direzzjoni tal-iskola li tista' tagħti permess għal dan it-tip ta' ikel. Il-*lunch* tal-iskola għandu jikkonsisti biss f'*healthy food*: *sandwiches*, frott, crackers, gallett, pizza *homemade*, xi biċċa torta, għaġin, ċereali jew *cereal bars* u ilma. Nirrikmanda li t-tfal kollha ta' kuljum ikollhom sarvetta biex jużawha waqt l-ikel. Għall-ebda raġuni u fl-ebda okkażjoni mhu permess *chewing gum.* Il-*Birthday Parties* jistgħu jsiru biss fil-klassijiet tal-Kinder 1 u tal-Kinder 2, u dan jista' jsir biss b'**kejk sempliċi** jew cookies adatti għat-tfal. **Mhux permess li jinġabu kejkijiet biċ-ċikkulata jew krema, *party bags* jew rigali oħra.**

Fl-aħħar infakkarkom fil-laqgħat tagħkom il--ġenituri mal-għalliema tal-klassi li jsiru ta' kull sena fil-bidu tas-sena skolastika. **Dati u ħinijiet issibuhom fil-Kalendarju tal-attivitajiet għall-ewwel term** li qed jaslilkom ma' din iċ-ċirkulari. Importanti li tattendu lkoll.

Iktar avviżi jitwasslu lilkom matul is-sena permezz ta' wliedkom. Għalhekk nirrikkmandalkom li ta' kuljum tiċċekkjaw *is-**satchel*** u d-***diary*** tat-tfal għal xi avviżi li kemm id-direzzjoni tal-iskola kif ukoll l-għalliema nkunu bgħatnilkom magħhom. Jiddispjaċini li kull sena qed niltaqgħu ma' każijiet ta' ġenituri/kustodji li ma tantx jagħmlu dan u dejjem issibhom mhux infurmati b'avvizi u tagħrif importanti, kif ukoll ma jibagħatux risposti jew adeżjonijiet fil-ħin. Nitolbukom iktar attenzjoni min-naħa tagħkom.

Informazzjoni oħra u ritratti tal-attivitajiet li jsiru matul is-sena, jitwasslulkom ukoll permezz tal-***website*** u l-paġna ***facebook*** tal-iskola.

Minn qalbi nirrikkmandalkom u nħeġġiġkom biex tikkooperaw u taħdmu id f'id magħna fl-edukazzjoni tat-tfal. F'ismi u f'isem l-iStaff kollu tal-iskola nirringrazzjakom bil-quddiem tal-kooperazzjoni tagħkom.

Dejjem tagħkom,

__________________

SR LUCY VELLA
Kap tal-iskola

Min għandu bżonn tagħrif dwar it-trasport
huwa mitlub jikkuntattja direttament lis-sid tal-Minibuses:
***Thames Garage*, tel. 21553151; 79557380; 79554420**




Tell me and I forget,
teach me and I may remember,
involve me and I learn...
*Benjamin Franklin*